## LIL SAN ĠUŻEPP

*Ta'* JOE MEJLAK

Kont fqajjar Ġużeppi — iżd'umli u ħanin,
U ġejt magħżul Inti — b'Missier il-Bambin.

F'ħanut ċkejken, fqajjar — kont taħdem bla serħ
U b'Martek ma' ġenbek — Int kont tħoss kull ferħ

U b'Ibnek igħinek. — Min jaf Int x'kont tħoss
X'ħin Lilu Marija — ma' qalbha Hi tross?

X'ħassejt o Ġużeppi — x'ħin 'l Ibnek tliftuh
Tlaqt Inti u Marija — imnikkta tfittxuH.

Stagħġibtu x'ħin Lilu — rajtuH ma jridx jaf,
U jwieġbek bil-ħlewwa — "Inti ma kontx taf

Li waslet is-siegħa — li ngħallem lin-nies,
Ngħallimhom iħobbu — 'l Missieri bla qies!"

O Mqaddes Ġużeppi — ħarisna f'kull ħin,
Int itlob għalina — liċ-ċkejken Bambin

Sabiex lilna jbiegħ'd — mill-kruha tad-dnub
U mill-bnedmin kollha — ikun Hu maħbub.

---

### ĦIDMIET TA' MEMBRI AKKADEMIĊI.

Il-Kav. Albert Cassola, Membru Akkademiku tal-"Għaqda" dan l-aħħar xandar fuq it-television serje ta' lezzjonijiet fuq it-tagħlim ta' l-ilsien Malti. Is-Sur Cassola, li hu surmast kompetenti, fisser bil-għaqal bis-sengħa u bil-ħeffa s-sisien tat-tagħlim ta' ilsienna tant li x-xandiriet tiegħu kienu mhux biss milqugħin bil-gost u bi profitt, imma wkoll imfaħħrin ħafna minn kull min rahom u semagħhom.

---

Mill-Kanada waslilna "folder", dwar ix-xandir li qiegħed isamma' il-membru korrispondent, is-Sur Ġorġ Bonavia, mill-Canadian Broadcasting Corporation. Is-Sur Bonavia jxandar kull ġimgħa s-suġġett "International Rendezvous" li jittratta dwar ċittadinanza, immigrazzjoni, informazzjoni fuq kummerċ, istruzzjoni, xogħol u servizzi soċjali, isemmi wkoll informazzjonijiet etniċi u tagħrif ieħor fuq ir-razez li stabbilew ruħhom fil-Kanada bl-użi u l-kostumi tagħhom, daqq u żfin, letteratura u arti; ilaqqa' wkoll "interviews" ma' persunaġġi Kanadiżi u barranin. Milli jidher dawn ix-xandiriet ta' Bonavia jingħoġbu wisq u saru popolari fost is-semmiegħa ta' l-Amerika ta' Fuq.



## L-GĦASFUR TAL-BEJT

*Ta'* BRO. HENRY, F.S.C.

Fil-beraħ tas-sema,
Fuq l-ogħla siġriet,
Jittajjar ferrieħi,
Fl-irħula, fl-ibliet.

Fi djarna jħobb igħammar,
Ħabib tal-bnedmin;
U magħna jrid jaqsam,
Il-ġranet ħelwin.

U meta l-jum sbejjaħ,
Dlonk jibda jitwal,
Arah jibni l-bejta,
Il-għaxqa tat-tfal.

Iħabrek u jgħanni,
B'imħabba tal-ġenn;
Fil-għodu jiġġerra,
Fl-għaxija għall-kenn.

Le, jaħseb għall-għada,
Ferħan b'dak li jsib;
Igħix hieni fil-ħidma,
Għax igħix bla tħassib.

Fix-xitwa jitgeddes,
Fis-sajf dlonk itir;
Ma jafx x'inhu dwejjaq,
U lanqas tgergir.

Irodd malli jisbaħ,
Il-għanja tal-ġieħ;
U kif ix-xemx tinżel,
Fis igħanni qatigħ.

Inħobbok, inħobbok,
Għasfur minn tal-bejt;
Jien minnek nitgħallem,
Jien bħalek għannejt.